# Seminar dwar il-Letteratura Maltija u r-Razziżmu

Illum is-Sibt, 3 ta' Frar, f'Sala Erin Serracino Inglott, l-Università, bejn id-09.00 u s-13.00, se jsir seminar dwar il-letteratura Maltija u r-razziżmu, mtella' mill-Akkademja tal-Malti, l-organizzazzjoni li tirrappreżenta l-kittieba Maltin, bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università ta' Malta. Kulħadd huwa mistieden u d-dħul huwa b'xejn.

L-għan ta' dan is-seminar, li jingħata t-titlu, "(Ta') Barra Minn Hawn: Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija." huwa li jesplora l-fenomeni tar-razziżmu u tal-ksenofobija fil-letteratura, suġġett li ftit li xejn ġie analizzat sa issa.

Ħafna nies jaħsbu li l-letteratura tagħna dejjem tippreżenta valuri tajbin, jew li għallinqas li hija newtrali. Madankollu, jekk niflu l-aktar testi magħrufa tal-letteratura tagħna, anki l-kotba li kienu jagħtuna biex naqraw meta konna żgħar, insibu ħafna eżempji ta' diskors dwar il-barranin, jew ċerti kategoriji ta' barranin, li huwa dispreġjattiv. It-Torok, l-Għarab, il-Lhud u s-Suwed kważi dejjem jintwerew f'dawl ikrah.

Dan is-seminar se jipprova jifhem ir-raġunijiet li welldu dawn il-preġudizzji, speċjalment fid-dawl tar-rwol tal-letteratura tagħna fid-diskors dwar l-identità nazzjonali. Dawn il-preġudizzji ntirtu minn kulturi oħra, inħolqu minħabba ġrajjiet storiċi li ġabu lill-Maltin f'kuntatt ma' dawn il-"barranin" f'ċirkustanzi koroh, jew żviluppaw fil-kitba ta' awturi li kellhom konvinzjonijiet partikulari dwar min aħna aħna u min huma l-oħrajn?

Fis-seminar se jiġu diskussi awturi magħrufa bħal Ġużè Aquilina, Ġuże Muscat Azzopardi, Ġananton Vassallo u Manwel Dimech. Is-seminar se jiddiskuti wkoll il-viżjoni li l-Maltin kellhom tat-Torok fiż-żmien meta ż-żewġ popli l-aktar li ġew f'kuntatt ma' xulxin, is-sekli sittax u sbatax, ħafna qabel bdiet il-letteratura bil-Malti, kif ukoll il-mod kif il-Maltin jaraw lilhom infushom fl-Arti.

Il-kelliema fis-seminar jinkludu nies li ġejjin mill-Kritika Letterarja, mill-Filosofija, l-Istorja, l-Arti, is-Soċjoloġija u l-Etika. Għalhekk bl-għajnuna tal-pubbliku s-seminar għandu joħloq diskussjoni interessanti dwar temi li jolqtu kemm lil-letteratura kif ukoll lis-soċjetà li ngħixu fiha.

**Dr. Marco Galea**
President ta' l-Akkademja tal-Malti